MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 924/2001/1

**Robert Cini**

**vs**

**Rita Cini**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur hu missier il-minuri li jismu Matthew u l-konvenuta persistentement qed tirrifjuta illi taghti access lill-missier u dana taht skuza jew ohra.
Illi l-attur ipprova jottjeni digriet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili biex jigu salvagwardjati l-ahjar interess tal-minuri illi jkun hemm access ghall-missier pero' dik il-Qorti ordnat illi l-partijiet kellhom jipprocedu fil-kontenzjuz.

Illi huwa xieraq u fl-interess tal-minuri Matthew illi jkollu kemm access ghall-omm u kemm ghall-missier.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi ghandu jkun hemm access ghall-missier u tiffissa l-modalitajiet ta’ l-access lill-missier u f’nuqqas illi jkun hemm osservanza minn issa taghti ordni lill-Pulizija biex jassistu lill-attur fl-ezekuzzjoni tad-drittijiet u obbligi illi jinholqu mid-decizjoni ta’ din il-Qorti dwar l-istess access.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur Robert Cini tad-29 ta’ Mejju 2001 fejn talab li l-kawza tigi appuntata ghas-smiegh bl-urgenza.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Rita Cini datata18 ta’ Gunju 2001.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn cahdet it-talba w appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-1 ta’ Frar 2002.

Rat ir-rikors ta’ Robert Cini datat 17 ta’ Jannar 2002 fejn talab lill-Qorti tawtorizzah jinnotifika lill-konvenuta Rita Cini wara l-hinijiet legali, liema talba kienet milqugha mill-Qorti bid-digriet taghha tat-18 ta’ Frar 2002.

Rat ukoll ir-rikors tal-istess attur Robert Cini tat-13 ta’ Marzu 2002 fejn peress li t-tentattivi biex il-konvenuta tigi notifikata wara l-hinijiet legali rrizultaw fin-negattiv, talab lill-
Qorti tawtorizza n-notifika biex issir bl-affissjoni u pubblikazzjoni f’gazzetta lokali wahda.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 14 ta’ Marzu 2002 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbali tal-1 ta’ Frar 2002; tat-2 ta’ Mejju 2002 u tat-23 ta’ Mejju 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-4 ta’ Gunju 2002 a fol. 27 fejn gie eccepit:

1. Illi l-attur fil-passat ma wera ebda nteress f’ibnu tant illi kien huwa li naqas li jmur jigbru jew li jmantnih matul l-ahhar sena u nofs;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti taqbel, u dejjem qablet, li ghandu jkun hemm access tal-missier ghall-minuri iben il-partijiet izda wkoll dejjem inistiet illi l-istess minuri ma jkunx espost ghall-iskandlu tar-relazzjoni tal-attur ma’ persuna tas-sess oppost;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta’ l-attur sabiex din l-Onorabbli Qorti taghti ordni lill-Pulizija sabiex jassistu lill-attur hija guridikament insostenibbli u *inoltre* l-attur ghandu rimedji aktar idonei sabiex jaghti sahha lill-eventwali digrieti ta’ din l-Onorabbli Qorti;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 28 u 29 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju 2002 fejn il-partijiet iddikjaraw li ftehmu li jsir access nhar ta’ Hadd bejn it-8:00 a.m. sal-5:00 p.m. b’effett immedjat u li l-attur ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tal-konvenuta. L-attur obbliga ruhu li ma jressaqx lill-minuri fil-prezenza tal-*partner* tieghu femminili, u *inoltre* obbliga ruhu li jhallas l-arretrat kollha tal-manteniment sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Gunju 2002. Id-difensuri talbu differiment fit-tul biex jaddattaw ruhhom ghall-istess ftehim; u tad-9 ta’ Ottubru 2002 fejn Dr. Daniela Chetcuti ghall-attur talbet li fis-sentenza l-attur jinghata l-opportunita’ illi l-access tal-minuri jsir fil-prezenza tal-*partner* femminili tieghu, li ilu jirrisjedi maghha ghal erba’ snin, tant li anke t-tifel kellu kuntatt ma’ din il-persuna tul l-istess perjodu. Dr. Aaron Mifsud Bonnici oppona ghal din it-talba ghax sostna li t-

tifel kien espost biss ghal din il-persuna tas-sess oppost ghal sentejn, u dan minkejja l-oppozizzjoni ta’ ommu, u anke *stante* li l-partijiet fl-ahhar seduta ftiehmu dwar il-modalita’ tal-access, liema access sehh minghajr problemi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 30 ta’ Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li ghandu dritt t’ access ghall-ibnu minuri Matthew u sabiex konsegwentement jigu ffissati l-modalitajiet tal-istess access.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-partijiet jinsabu separati *de jure* permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni bonarju li sar wara li giet otjenuta l-awtorizazzjoni tal-Qorti kompetenti, u li fih l-istess access ghall-minuri thalla f’idejn il-partijiet sabiex jiftehmu dwaru.

Illi mill-istess atti jirrizulta li ghal certu ammont ta’ zmien l-partijiet kienu qed jiftehmu bejniethom dwar l-istess access u dan sakemm l-attur beda jmur ghall-minuri akkumpanjat minn persuna tas-sess femminili li jidher li hija vicina ghall-attur.

Illi l-kontestazzjoni odjerna m’hijiex tant dwar id-dritt t’access li l-attur ghandu jkollu bhala missier ghall-istess minuri, li jidher li mhux qed jigi kkontestat mill-konvenuta izda l-oggezzjoni tal-istess omm li waqt iz-zmien jew hin ta’ l-istess access, il-minuri m’ghandux ikun fil-presenza ta’ terza persuna tas-sess oppost li ma hijiex parti mill-familja ta’ l-attur. Illi fil-fatt fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta sostniet li hija taqbel li l-istess attur ghandu jkollu access ghall-ibnu *“izda dejjem ukoll insistiet li l-istess minuri ma jkunx espost ghall-iskandlu tar-relazzjoni ta’ l-attur ma persuna tas-sess oppost”.*

Illi hawn il-Qorti tirreferi għall-**artikolu 61 tal-Kap 16** fejn jingħad:

*"(1) Kull ftehim bejn il-mara u r-raġel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel, jew ta' xi qarib ta' xi ħadd minnhom, jiġi annullat mill-qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal.*

*(2) F'dak il-każ, il-Qorti għandha tiddeċiedi f'idejn min għandhom jiġu mogħtijin it-tfal, u kif għandhom jitmantnew u jiġu edukati."*

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti f'din id-deċizjoni u f'kull deċizjoni li tirrigwarda l-*benessere* tal-ulied għandha dejjem tħares lejn dak li huwa fl-aħjar interess tal-minuri, u apparti l-artikolu fuq ċitat jidher li fil-liġijiet tagħna din hija l-massima konsiderazzjoni li l-Qorti għandha tieħu f'każijiet bħal dawn, u hawn il-Qorti tirreferi wkoll anke għall-**artikoli 56 u 57 tal-Kap 16** fejn dan l-interess u ġid tat-tfal jibqa' jissussisti anke wara li tingħata sentenza mill-Qorti biex tirregola tali kura u kustodja tal-minuri u l-aċċess relattiv.

Illi f'dan l-każ għalkemm jidher li l-partijiet ftehmu fuq il-punti kollha ta' separazzjoni huma ħallew kollox fil-liberta tagħhom sabiex jirregolaw l-aċċess għall-minuri minn żmien għall-żmien mingħajr fissazzjoni ta' ġranet u ħinijiet għall-istess.

Illi fid-dawl ta' dan din id-deċizzjoni strettament ma hijiex qed tvarja dak li l-partijiet ftehmu fil-kuntratt ta' separazzjoni, iżda minħabba d-diżgwid li nqala' bejniethom jidher li hu opportun li llum bħala llum jiġu ffissati tali ġranet u ħinijiet sabiex kullħadd, inkluż il-minuri, jkunu jafu u b'hekk jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti b'naqra *buon* sens dan seta' faċilment ġie mifthiem bejn il-partijiet, iżda għal xi raġuni jew oħra anke wara li għaddew ċirca sena u nofs mill-preżentata taċ-ċitazzjoni dawn ma qablux dwar l-esitu tal-istess, għalkemm wieħed iżid jgħdi li wara nkoraġġament

tal-Qorti l-partijiet *pendente lite* ftehmu b'verbal tat-18 ta' Gunju 2002 s-segwenti:

*"L-partijiet assistiti li ddikjaraw li ftehmu li jsir access nhar ta' Hadd bejn it-8:00am sal-5:00pm b'effett immedjat. Illi l-attur ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tal-konvenuta.*

*L-attur jobbliga ruhu li ma jressaqx lill-minuri fil-presenza tal-partner tieghu femminili, u inoltre jobbliga ruhu li jhallas l-arretrati kollha tal-manteniment sa mhux iktar tard mit-30 ta' Gunju 2002.*

*Id-difensuri talbu li jinghata differita ghas-sezzjoni illi jmiss sabiex il-partijiet jaddattaw ruhhom ghall-istess.*"

Illi fil-fatt jidher illi dan il-ftehim nrexxa bejn il-partijiet u l-Qorti halliet f'idejhom sabiex jaslu ghal dan il-kompromess peress li thoss li l-interess tal-minuri jista' jinqeda b'mod massimu jekk ikun hemm ftehim bejn il-genituri stess u li l-minuri jkun konxju li dak li qed jigi attwat huwa proprju dak li l-istess genituri tieghu qablu dwaru. Ovvjament dan qed jinghad fuq il-presunzjoni li l-interess tal-genituri fl-ulied huwa mmirat sabiex il-minuri fic-cirkostanzi ikunu jistghu jiehdu l-ahjar mill-hajja, u ghalhekk l-unika eccezzjoni ghal dan kollu huwa biss meta l-minuri tkun tista' b'xi mod issirlu xi tip ta' hsara.

Illi f'dan il-kaz l-ilment tal-konvenuta huwa biss li waqt l-access tal-minuri mal-attur, dan m'ghandux ikun fil-presenza tas-siehba tieghu femminili li allegatament qed tghix ma l-istess attur, ghalkemm jidher li l-minuri diga gie espost ghall-istess persuna.

Illi in vista tal-fatt li l-partijiet ftehmu *pendente lite,* u dan fi zmien ricenti tat-18 ta' Gunju 2002, li tali access ghandu jigi esercitat mill-attur bl-eskluzzjoni tal-istess persuna, din il-Qorti ma thossx li ghandha tvarja dan il-ftehim, aktar u aktar meta l-konvenuta baqghet toggezzjona ghall-presenza ta' l-istess persuna mill-bidu tal-kawza sallum, tant li jista' jinghad li bhala omm din kienet l-oggezzjoni principali taghha dwar l-istess access.

Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi u biex jigi eliminat kull disgwid u kull suspett ta’ hsara li tista’ ssir lill-minuri, li l-ftehim milhuq bejn il-partijiet inkluz dak indikat dwar il-manteniment tal-istess minuri, ghandu jigu nkorporat fis-sentenza “definittiva” ta’ din il-Qorti b’referenza ghat-talba attrici, anke ghaliex il-Qorti thoss li ghall-ragunijiet ovvji din hija fl-interess suprem tal-istess minuri.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens li l-attur bhala missier ghandu dritt ghall-access ghall-istess ibnu u dan l-access ghandu jigi esercitat b’effett immedjat kull nhar ta’ Hadd bejn it-8:00 a.m. u l-5:00 p.m., u l-attur ghandu jmur ghall-minuri u jiehu lura lill-minuri mir-residenza attwali tal-istess konvenuta.

Illi l-Qorti tordna wkoll li dan l-access mill-missier ghandu jigi esercitat bl-eskluzjoni ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja ta’ xi wiehed mill-kontendenti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara illi ghandu jkun hemm access ghall-missier u tordna li dan l-access ghandu jigi esercitat b’effett immedjat kull nhar ta’ Hadd bejn it-8:00 a.m. u l-5:00 p.m., u l-attur ghandu jmur ghall-minuri u jiehu lura lill-minuri mir-residenza attwali tal-istess konvenuta.

Illi l-Qorti tordna wkoll li dan l-access mill-missier ghandu jigi esercitat bl-eskluzjoni ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja ta’ xi wiehed mill-kontendenti.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 t'Ottubru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**30 t'Ottubru 2002**